MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2011

Numru. 482/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MALCOLM BONDIN**
**KONTRA**

**CHRISTOPHER GALEA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Christopher Galea ta' 36 sena, bin Victor u Helen nee' Pace, mwieled Pieta' nhar l- 4 ta' April 1974, residenti 27, Flat 2, Triq San Gwann Battista, Sliema u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 207474M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar it- 28 ta' Novembru 2010 ghall- habta tal-4.15am gewwa l- fond Havana Bar, Triq San Gorg, San Giljan, ikkommetta serq ta' handbag, ghad- detriment ta' Elizaveta Lyubavina, liema serq huwa kkwalifikat bil- hin;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta fl-aktar stadju bikri li kien seraq basket fid-data u l-hin indikati. Fl-istqarrija tieghu wkoll jammetti s-serq indikat, u l-oggetti gew ritornati lil sidhom ftit tal-hin wara. Tenut kont tal-hsara minima li saret, u li din giet rimedjata mal-ewwel, il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex taghti piena ta' prigunerija lill-imputat, izda taghmel provvediment ta' sanzjoni fil-komunita' ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 446.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l- Artikoli 261, 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------